MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 556/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Wilfred Mifsud sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Clarie Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm342.31), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fi Triq l-Erba' Mwiezeb, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru AAC 094 misjuqa minn Allan Mifsud u propjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici li kienet assikurata that polza comprehensive u l-vettura bin-numru HAI 415 misjuqa mill-

konvenuta Claire Caruana, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fl-20 ta’ Gunju 2000 sehh incident tat-traffiku fi Triq l-Erba’ Mwiezeb, San Pawl il-Bahar. Involuti f’dan l-incident kienu l-vettura bin-numru AAC 094 (Peugeot) misjuqa minn Allan Mifsud u l-vettura bin-numru HAI 415 (Fiat Uno) misjuqa mill-konvenuta Claire Caruana.

2. Il-vetturi involuti f’dan l-incident kienu originarjament gejjin mill-istess direzzjoni. Is-sewwieq tal-vettura bin-numru AAC 094 ried jikser ghal fuq il-lemin tieghu biex jaqbad ir-roundabout u jsuq fid-direzzjoni tal-Mellieha, filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet ser tmur Burmarrad.

3. Huwa minnu li f’dik il-parti fejn sehh l-incident hemm tlett karreggjati. Jirrizulta li l-vettura AAC 094 kienet qeghda fil-karreggjata tan-nofs, waqt li dik misjuqa mill-konvenuta kienet fil-karreggjata ta’ barra.

4. Mill-provi prodotti, it-Tribunal huwa tal-fehma li kienet il-vettura misjuqa minn Allan Mifsud (AAC 094) li qasmet it-trajettorja tat-triq li minnha kienet ghaddejja l-vettura misjuqa mill-konvenuta. Is-sewwieq tal-vettura AAC 094 kellu l-obbligu li ma jaghmilx din il-manuvra qabel ma jkun cert li matul il-manuvra kollha hu ma kienx ser ikun ta’ xkiel ghat-traffiku fuq il-lemin tieghu. Ghalhekk kellu jistenna l-mument opportun biex jipprova jaqsam it-triq tat-traffiku fuq il-lemin tieghu.

5. Fl-okkorrenza li saret mill-pulizija li nvestiga l-kaz insibu l-verzjoni li nghatat minn Allan Mifsud (fol. 14):

*"I was in the second lane on my way to Mellieha as I overtook car reg no HAI 415 hit me and I stopped immediately"*.

Huwa ta verzjoni kontrastanti meta xehed quddiem it – Tribunal fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2002. Fil-fatt fil-kors tax-xhieda tieghu, huwa kkonferma li:

-  M'ghamel l-ebda manuvra ta' sorpass;

-  Mad-daqqa l-vettura tieghu ma waqfitx mill-ewwel.

-  Ma jiftakarx x'verzjoni ta lill-pulizija li nvestiga l-kaz.

Dan il-fatt zgur li ma ghenx lill-atturi fil-kaz taghhom, mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-oneru tal-prova jinkombi fuqhom (*iuxta allegata et probata*).

6. Li kieku wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Allan Mifsud meta xehed quddiem it-Tribunal, ghalkemm ighid li xeghel l-indicator, dan il-fatt fih innifsu ma jistax iservi biex jezonerah mir-responsabbilta ghall-akkadut. Huwa maghruf li:

-  *"is-sinjali li tati persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal road users ohra"* (App. Kriminal – **Pulizija vs J. Busuttil** deciza fid-29 ta' Novembru 1958).

-  *"hemm bzonn li s-sinjali jsiru fil-hin u fil-lok opportune biex jistghu jkollhom l-effett taghhom"* (App. Kriminali – **Pulizija vs G. Sapiano** – Vol. XXXIX.iv.558).

-  *"il-fatt li wiehed johrog l-indicator ma jaghtihx li jaghmel li jrid"* (Vol. XXXVIII.iv.868).

 *“Min johrog indicator, ikun qed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta’ warajh u ta’ quddiemu, imma ma jistax, sempliciment ghax hareg l-indicator, jaghmel li jrid, jikser il-priorita’ li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-rule of the road favur tieghu”* (Vol. XXXVII.iv.868).

 *“The driver’s duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can, that they have been understood”* (Gibb, *Trial of Motor Car Accident Cases* Sec. 101 – li saret riferenza ghalih fil-kawza **J. Debattista vs A. Caruana** deciza fil-11 ta’ Dicembru 1972). Huwa cjar ghalhekk li ghalkemm is-sinjal ifisser li tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam, dan mhux bizzejjed biex hu jkun jista’ jaqsam.

Mix-xhieda moghtija minn Allan Mifsud jidher li l-ewwel darba li ra l-vettura misjuqa mill-konvenuta kien wara li sehh l-incident. Dan ikompli jikkonferma li ghalkemm kien ser ibiddel id-direzzjoni, ma kienx attent ghal dak li qieghed jigri fit-triq u lanqas ma assikura ruhu li s-sinjal li jghid li ghamel gie mifhum u li ma kellu lil hadd warajh. Skond il-Highway Code, *“when changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror”*. It-Tribunal huwa tal-fehma li Allan Mifsud ma osservax din ir-regola.

7. Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal semgha lill-partijiet u ezamina l-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz (fosthom il-lokalita’ ta’ l-incident), m’huwiex tal-fehma li hemm bizzejjed provi preponderanti biex tigi accettata l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Allan Mifsud u skartata dik tal-konvenuta. Il-principju li ghandu jsegwi t-Tribunal huwa li *ei incumbit probation qui dicit non ei qui negat*.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal filwaqt li jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jichad it-talba ta’ l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**